# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

It-Tnejn, 17 ta' Marzu, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fin-12.30pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **00356 21563666;** *E-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

# Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 13.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Ħadd ma kien assenti.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 L-AKL talbet lill-Kunsilli Lokali sabiex tara humiex interessati li joffru servizzi ta' ħlas ta' kontijiet u li jibdew iżommu l-Karti tal-Identita' mill-uffiċini tagħhom. Il-Kunsill tagħna diġa' joffri s-servizz tal-ħlas iżda huwa nteressat li jżomm il-Karti tal-Identita' u naraw fiex ser tkun qed jikkonsisti x-xogħol dejjem jiddependi r-responsabbiltajiet.

13.3.2 Is-Sindku semma li ħarġu l-iskemi li ġejjin:

- SPI/SCI/05/2025 – Finanzjament Karnival 2026. Peress li m'hemmx wisq fondi allokati għal din l-iskema, il-Kunsill ra li b'Eur5,000 mhux ser ikun jista' jagħmel wisq affarijiet u għalhekk mhux ser issir applikazzjoni għal din l-iskema.
- SPI/SCI/06/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri. Hawnhekk il-Kunsill qabel li japplika għall-bridge ta' Wied il-Lunzjata li għandu bżonn il-manutenzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu joħroġ 15% tal-proġett.
- SPI/SCI/07/2025 – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'. Il-Kunsill ra din iċ-Ċirkulari u ser tkun qed tittieħed in kunsiderazzjoni u ser ikun qed jiddiskuti dwarha f'laqgħa oħra.

13.3.3 Dwar l-attivita' ta' Ġunju, is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi din ser issir nhar l-14 ta' Ġunju bl-isem ta' Sapori d'Italia.

13.3.4 Irċevejna korrispondenza minn naħa tal-ARPA illi ser ikollna online meeting magħhom nhar il-Ġimgħa 21 ta' Marzu sabiex jiġi diskuss il-problema li għandna tat-tinda u jekk nistgħux immorru għat-tieni offerent. Preżenti għal-laqgħa għandu jkun hemm rappreżentanti mill-Managing Authority, GAGF, u DLG.
Dwar l-offerta tal-Playing Field, is-SE infurmat lill-KL illi ser tagħlaq fit-28 ta' Marzu 2025.

13.3.5 Wara t-talba li saret mis-Surmast tal-iskola sabiex il-ħaxix ħażin ma jinqatgħax minħabba li huwa s-sors ta' ikel għan-naħal, il-Kunsill Lokali qabel li t-triq tal-

Għadira tinqata' xorta minħabba l-fiera u noqogħdu ftit lura f'postijiet oħrajn.

13.3.6 Irċevejna korrispondenza mir-Reġjun t'Għawdex dwar attivita' li ser issir fit-23 t'Awwissu f'għeluq l-40 sena mill-kampjonat tal-league ta' Kercem Ajax FC. Din l-attivita' ser issir permezz ta' fondi mir-Reġjun t'Għawdex.

13.3.7 Ġejna nfurmati illi fit-18 ta' Mejju 2025 ser issir bike ride mill-SEM u ser jiġu jaraw il-proġett li sar l-Għadira permezz ta' fondi tal-UE.

13.3.8 Is-Sindku qal li dwar it-tinda li ġabilna l-kuntrattur TEC Ltd ser nieħdu parir mill-ARPA dwar x'ser jiġri minn issa 'l quddiem. Li hu żgur hu li ser inżommu lill-kuntrattur responsabbli tal-proġett kollu jekk jintilef.

13.3.9 Dwar l-inċident li seħħ ġewwa l-Għadira ta' San Raflu meta waqa' trakk tar-ready mix ġo l-għadira nfisha, il-Kunsill tkellem ma' diversi entitajiet dakinhar tal-inċident stess sabiex naraw x'ser jiġri. Ġbidna ukoll l-attenzjoni lill-ERA minħabba li naqas l-ilma u baqa' lega żejt fil-wiċċ. L-ERA, permezz ta' telefonata qalulna li l-aħħar lega ta' żejt trid titlaq waħedha għax ma tinxtorobx bl-*absorbing pads*, u dwar l-ilma m'hemmx għalfejn jiżdied għaliex jiżdied bl-ilma tax-xita. Madanakollu, għad m'għandniex risposta bil-miktub dwar dan.

13.3.10 Il-Kunsill ħatar il-bord ta' evalwazzjoni għall-offerta KCM/01/2025 – Embellishment of Playing Field, hekk kif ġej: Chairperson – William Sultana, Evaluators – Dr Joshua Grech, Ing. Mario Cauchi, Daniel Galea, Segretarju tal-bord – Marianne Sagona.

## 13.4 Attivita' Għad-Dell tal-Akwadott 2025

Is-Sindku fakkar li din l-attivita' ser tittella' fis-16 ta' Awwissu 2025. Irridu naraw kemm-il magna ħa jkollna taħdem u naraw x'matejral irridu.

Hawnhekk is-Sindku semma ukoll illi l-Kunsillier Horace Vella ħareġ bl-idea li ssir attivita' oħra bil-ħarrub f'Settembru, u naraw napplikawx għaliha bl-iskema tal-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 13.5 Sapori d'Italia

Is-Sindku qal li applikajna għall-fondi mid-DLG sabiex intellgħu din l-attivita'. Din ser tittella' nhar l-14 ta' Ġunju ġewwa Ġnien il-Familja u ser tkun fuq tema Taljana.

## 13.6 Miżura 3 – Attractions and Innovative Events for all Seasons

Kif diġa ġie diskuss, ser inkunu qed nitkellmu mal-ARPA waqt online meeting li ser isir nhar il-21 ta' Marzu u ser naraw x'jista' jsir minn issa 'l quddiem minħabba li għandna bżonn aktar żmien sabiex jingħalaq il-proġett u aktar minn hekk, biex naraw kif se mmexxu dwar it-tinda u dwar il-problemi li nqalgħu mal-kuntratturi l-oħra. Madanakollu, dwar il-problemi mal-kuntratturi, qed nieħdu l-pariri legali.

## 13.7 Ġemelleġġ mal-lokalita' ta' Bormla

Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-iffirmar tal-ġemellaġġ ma' Bormla jsir waqt il-programm tal-banda f'Lulju li ġej. Ħadd ma sab oġġezzjoni u għalhekk ser nitolbu lill-Għaqda Mużikali San Girgor dwar dan.

## 13.8 Ilmenti u Suġġerimenti

13.8.1 Is-Sindku semma s-servizz tal-bulky refuse li qed jiġi pprovdut bħalissa mill-Kunsill Lokali. Huwa qal illi l-ħaddiem li qed isuq it-trakk kien xi ftit imdejjaq peress li qed ikollu ħafna x'jgħabbi, qed ikun waħdu, u din it-toghbija mhux qed tagħmel ġid għat-trakk personali tiegħu. Għalhekk, is-Sindku ssuġġerixxa li jinxtara trakk, ikun propjeta' tal-Kunsill u mbagħad meta jasal naraw jekk Anġlu Axiaq ikunx interessat li jsuqu. Jekk ma jkunx interessat naraw b'min inkunu nistgħu naħdmu. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

13.8.2 Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li jitħawlu xi fjuri bħal petunias fil-pots ta' quddiem l-iskola. Ġie deċiż li jitħawlu meta nibdew insaqqu.

13.8.3 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca, f'isem l-Għaqda tan-Nar, talab illi l-Għaqda tkun tista' tibda tarma għall-Irxoxt mill-Ħamis u mhux mis-Sibt bħalma kien intalab is-sena l-oħra. Din ġiet diskussa mill-Kunsill u ħadd ma sab oġġezzjoni.

13.8.4 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca semma l-punti li ġejjin:

- Ġibed l-attenzjoni dwar il-ħarġa li se ssir għar-residenti u qal li nbidlet id-data mingħajr ma kien jaf. Is-Sindku refa' r-responsabbilta' u spjega li peress li fejn konna sejrin għall-ikel ma kienx disponibbli, kellha għalhekk tinbidel id-data. Dan sar kollu fi żmien qasir peress li ridna ntellgħu fuq il-midja soċjali biex b'hekk kulħadd ikun infurmat.

- Talab li jsiru xi xogħolijiet quddiem residenza fi Triq Għar Ilma. Sar qbil li jmorru fuq il-post u jaraw x'hemm bżonn;

- Talab li ssir tabella sabiex jinġabar il-ħmieġ tal-klieb fi Triq ix-Xagħri u Triq il-Kalandrijiet;

- Talab li jsir xi patching fit-triq tal-boroż. Ser nagħmlu talba bis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar.

## 13.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 13.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-2.00pm u ġiet aġġornata għas-16 ta' April 2025, fin-12.30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |